32004R2088

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2088/2004

tas-7 ta' Diċembru 2004

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2497/2001 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2597/2001 dwar il-kwoti tat-tariffi għal ċertu ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Kroazja u għal ċerti nbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja, fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fir-Repubblika tas-Slovenja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2248/2001 tad-19 ta' Novembru 2001 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 153/2002 tal-21 ta' Jannar 2002 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja min-naħa l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu 2004/778/KE tal-11 ta' Ottubru 2004 [4], il-Kunsill ikkonkluda Protokoll għall-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea, minn hawn "il quddiem 'il-Protokoll tat-tkabbir". Il-Protokoll tat-tkabbir japplika fuq bażi proviżorja b'effett mill-1 ta' Mejju 2004.

(2) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2004 [5], il-Kunsill awtorizza għall-iffirmar u pprovda għall-applikazzjoni proviżorja mill-1 ta' Mejju 2004 ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea, minn hawn "il quddiem 'il-Protokoll tat-tkabbir".

(3) Iż-żewġ Protokolli ta' tkabbir jipprovdu għal kwoti ta' tariffi ġodda u għal tibdil fil-kwoti ta' tariffi eżistenti stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2497/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji għal ċertu ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Kroazja [6] u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2597/2001 tat-28 ta' Diċembru 2001 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji għal ċerti nbejjed li joriġinaw mir-Repubblika tal-Kroazja, mill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mir-Repubblika tas-Slovenja [7].

(4) Biex jiġu implimentati l-kwoti ta' tariffi l-ġodda u t-tibdil fil-kwoti ta' tariffi eżistenti pprovduti fil-Protokolli tat-tkabbir, jeħtieġ li jiġu emendati r-Regolament (KE) Nru 2497/2001 u r-Regtolament (KE) Nru 2597/2001.

---

[1] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

[2] ĠU L 304, 21.11.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2/2003 (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 26).

[3] ĠU L 25, 29.1.2002, p. 16. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2003 (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 30).

[4] ĠU L 350, 25.11.2004, p. 1.

[5] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

[6] ĠU L 337, 20.12.2001, p. 27. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 607/2003 (ĠU L 86, 3.4.2003, p. 18).

[7] ĠU L 345, 29.12.2001, p. 35.

(5) Għas-sena 2004, il-volumi tal-kwoti ta' tariffi l-ġodda u ż-żidiet fil-volumi tal-kwoti ta' tariffi eżistenti għandhom jiġu kkalkulati bħala *pro rata* tal-volumi bażiċi speċifikati fil-Protokolli tat-tkabbir, filwaqt li għandha titqies il-parti tal-perjodu ta' qabel l-1 ta' Mejju 2004.

(6) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi eżistenti provduti bir-Regolament (KE) Nru 2497/2001 u bir-Regolament (KE) Nru 2597/2001, il-kwantitajiet importati fl-ambitu tal-qafas ta' dawn il-kwoti għandhom jiġu kkontabilizzati fuq il-kwoti tat-tariffi rispettivi tagħhom miftuħa skont ir-Regolament (KE) Nru 2497/2001 u r-Regolament (KE) Nru 2597/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

(7) Wara l-adeżjoni tas-Slovenja mal-Unjoni Ewropea, il-kwoti ta' tariffi għall-inbejjed li joriġinaw minn dak l-Istat Membru kif provdut bir-Regolament (KE) Nru 2597/2001 għandhom jiskadu. Ir-referenzi għal dawn il-kwoti għandhom għaldaqstant jitħassru.

(8) Billi l-Protokolli tat-tkabbir japplikaw mill-1 ta' Mejju 2004, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2497/2001 għandu jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2597/2001 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu għandu jinbidel b'li ġej:

"li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti ta' tariffi Komunitarji għal ċerti nbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja u fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja"

(2) L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Meta l-inbejjed, imniżżla fl-Anness, li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja, fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew fir-Repubblika tas-Slovenja jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità, għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni tad-dazju doganali, fi ħdan il-limiti tal-kwoti tat-tariffi ta' kull sena tal-Komunità speċifikati f'dan l-Anness u skont id-dispożizzjonijiet ippreżentati f'dan ir-Regolament.

2. Jekk xi wieħed mill-pajjiżi kkonċernati jħallas sussidji tal-esportazzjoni dwar il-prodotti rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju doganali fil-kwoti tariffarji pprovduta fil-Protokolli Addizzjonali konklużi bid-Deċiżjonijiet 2001/919/KE, 2001/918/KE, 2001/917/KE, 2001/916/KE u 2001/920/KE (minn hawn 'il quddiem protokolli addizzjonali dwar l-inbejjed) għandha tkun sospiża fil-każ ta' dak il-pajjiż."

(3) L-Artikolu 3 għandu jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 3*

Minkejja l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 5(a) tal-Anness I ta' kull wieħed mill-Protokolli Addizzjonali dwar l-inbejjed, l-importazzjoni tal-inbid fil-kwoti tariffarji tal-Komunità li għalihom issir referenza fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-Protokolli applikabbli dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti ta' oriġini u l-metodi tal-koperazzjoni amministrattiva,

— tal-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja,

— u tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropew u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra,

— u tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropew u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra."

(4) L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

1. Il-kwoti tariffarji individwali għall-inbejjed li joriġinaw fil-Kroazja li għalihom issir referenza fil-Parti I tal-Anness skont in-numru tas-serje 09.1588 għandhom jiżdiedu kull sena.

2. Iż-żieda fis-sena li għaliha ssir referenza fil-paragrafu 1 tista' tkun applikata biss jekk jintużaw tal-anqas 80 % tal-kwoti tat-tariffi rispettivi miftuħa matul is-sena ta' qabel.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-volumi użati kull sena u għandha tadotta dispożizzjonijiet biex timplimenta kull aġġustament meħtieġ ta' dawk il-volumi għall-Kroazja."

(5) L-Anness qed jinbidel bit-test li jidher fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-kwantitajiet li, skont ir-Regolament (KE) Nru 2497/2001 u r-Regolament (KE) Nru 2597/2001, tqiegħdu fiċ-ċirkulazzjoni libera fil-Komunità mill-1 ta' Jannar 2004, fil-limiti tal-kwoti tat-tariffi bin-numri tas-serje 09.1581, 09.1582, 09.1583, 09.1584, 09.1585, 09.1586, 09.1588, 09.1589, 09.1558 u 09.1559, mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkontabilizzati fuq il-kwoti ta' tariffi rispettivi tagħhom skont kif stabbilit fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2497/2001 u Regolament (KE) Nru 2597/2001, kif emendati b'dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, filwaqt li l-iskema preferenzjali hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-Kodiċi tan-NM eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tar-regolament preżenti. Fejn ex kodiċi tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata mill-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Nru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni	Kwota /volum fis-sena (piż nett)	Rata tad-dazju
09.1581	0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 21 10 0303 21 20 0303 21 80 0304 10 15 0304 10 17		Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* and *Oncorhynchus chrysogaster*): ħaj, frisk jew imkessaħ; iffriżat, niexef, immellaħ, jew fis-salmura, iffumigat; flett jew laħam ta' ħut ieħor; dqiq, miṫun oħxon jew fil-forma ta' pellets, tajbin għall-konsum mill-bniedem	30 tunnellata metrika	Eżenti
	ex 0304 10 19	40			
	ex 0304 10 91 0304 20 15 0304 20 17	10			
	ex 0304 20 19	50			
	ex 0304 90 10	11, 17, 40			
	ex 0305 10 00	10			
	ex 0305 30 90 0305 49 45	50			
	ex 0305 59 80	61			
	ex 0305 69 80	61			
09.1582	0301 93 00 0302 69 11 0303 79 11		Karpjun: ħaj, frisk jew imkessaħ; iffriżat, niexef, immellaħ, jew fis-salmura, iffumigat; flett jew laħam ta' ħut ieħor; dqiq, miṫun oħxon jew fil-forma ta' pellets, tajbin għall-konsum mill-bniedem	210 tunnellata metrika	Eżenti
	ex 0304 10 19	30			
	ex 0304 10 91	20			
	ex 0304 20 19	40			
	ex 0304 90 10	16			
	ex 0305 10 00	20			
	ex 0305 30 90	60			
	ex 0305 49 80	30			
	ex 0305 59 80	63			
	ex 0305 69 80	63			
09.1583	ex 0301 99 90 0302 69 61 0303 79 71	80	Abramidi (*Dentex dentex* u *Pagellus* spp.): ħaj, frisk jew imkessaħ; iffriżat, niexef, immellaħ, jew fis-salmura, iffumigat; flett jew laħam ta' ħut ieħor; dqiq, miṫun oħxon jew fil-forma ta' pellets, tajbin għall-konsum mill-bniedem	35 tunnellata metrika	Eżenti
	ex 0304 10 38	80			
	ex 0304 10 98	77			
	ex 0304 20 94	50			
	ex 0304 90 97	82			
	ex 0305 10 00	30			
	ex 0305 30 90	70			
	ex 0305 49 80	40			
	ex 0305 59 80	65			
	ex 0305 69 80	65			

Nru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni	Kwota /volum fis-sena (piż nett)	Rata tad-dazju
09.1584	ex 0301 99 90 0302 69 94 ex 0303 77 00 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 94 ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	15, 17, 28 (1) 10 85 79 60 84 40 80 50 67 67	Spnott (*Dicentrarchus labrax*): ħaj, frisk jew imkessaħ; iffriżat, niexef, immellaħ, jew fis-salmura, iffumigat; flett jew laħam ta' ħut ieħor; dqiq, mitħun oħxon jew fil-forma ta' pellets, tajbin għall-konsum mill-bniedem	mill-1.1 sal-31.12.2004:550 tunnellata metrika + żieda ta' 66,66 tunnellata metrika mill-1.5 sal-31.12.2004 mill-1.1 sal-31.12.2005 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem: 650 tunnellata metrika	Eżenti
09.1585	1604 13 11 1604 13 19 ex 1604 20 50	 10, 19	Sardin ippreparat jew ippreżervat	mill-1.1 sal-31.12.2004:180 tunnellata metrika	6 %
09.1586	1604 16 00 1604 20 40		Inċova ppreparata u ppreżervata	mill-1.1 sal-31.12.2004:40 tunnellata metrika + żieda ta' 6,66 tunnellata metrika mill-1.5 sal-31.12.2004	Eżenti [12,5%]
09.1587	1604		Ħut ippreparat jew ippreżervat; kavjar u sostituti tal-kavjar ippreparat mill-bajd frisk	mill-1.5. to 31.12.2004: 860 tunnellata metrika mill-1.1 sal-31.12.2005 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem: 1 550 tunnellata metrika	Eżenti

(1) From 1 January 2005 the TARIC subdivisions 15, 17 and 28 will be replaced by 22."

ANNESS II

"ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li għandhom mhux aktar ħlief valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tkun stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-kodiċi tan-NM. Meta l-ex kodiċi tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tkun stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħudin flimkien.

PARTI I: IL-KROAZJA

Nru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota kull sena (el)	Rata tad-dazju
09.1588	ex 2204 10 19 ex 2204 10 99 2204 21 10 ex 2204 21 79 ex 2204 21 80 ex 2204 21 83 (2) ex 2204 21 84 (3) ex 2204 21 94 ex 2204 21 98 ex 2204 21 99	91, 99 91, 99 79 80 79 80 10 79 80 10 79 80 10 30 (4) 10 30 (4) 10	Inbid ifexfex, barra x-xampanja u barra Asti spumante Inbid ieħor tal-għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu 2 litri jew inqas	Mill-1.1 sal-31.12.2004: 30 000 + żieda ta' 9 333,33 mill-1.5 sal-31.12.2004 Għal kull sena minn hemm 'il quddiem, mill-1.1 sal-31.12: 44 000 (1)	Eżenti
09.1589	2204 29 10 2204 29 65 ex 2204 29 75 2204 29 83 ex 2204 29 84 ex 2204 29 94 ex 2204 29 98 ex 2204 29 99	 10 10 30 (4) 10 30 (4) 10 30 (4) 10	Inbid ieħor tal-għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu [aktar minn] 2 litri	Mill-1.1 sal-31.12.2004: 15 000 + żieda ta' 9 333,33 mill-1.5 sal-31.12.2004 Għal kull sena minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sal-31.12: 29 000	Eżenti

(1) Dan il-volum tal-kwoti għandu jiżdied kull sena b'10 000 el, sakemm jintużaw tal-inqas 80% tal-kwantità eliġibbli matul is-sena preċedenti. Iż-żieda annwali għandha tapplika sakemm is-somma tal-kwoti tat-tariffi taħt in-Nri tas-serje 09.1588 u 09.1589 tilħaq massimu ta' 98 000 el.

(2) From 1 January 2005 the CN code ex 2204 21 83 will change to ex 2204 21 84 and the TARIC subdivisions 10, 79 and 80 will change to 59 and 70.

(3) From 1 January 2005 the CN code ex 2204 21 84 will change to ex 2204 21 85 and the TARIC subdivisions 10, 79 and 80 will change to 79 and 80.

(4) From 1 January 2005 the TARIC subdivisions 10 and 30 will change to 20.

PARTI II: L-EX REPUBBLIKA JUGOŻLAVA TAL-MAĊEDONJA

Nru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota kull sena (el)	Rata tad-dazju
09.1558	ex 2204 10 19	91, 99	Inbid ifexfex, barra x-xampanja u barra l-Asti spumante	Mill-1.1 sal-31.12.2004: 27 000 + żieda ta' 1 333,33 mill-1.5 sal-31.12.2004 Għal kull sena minn hemm 'il quddiem, mill-1.1 sal-31.12: 37 000 (1)	Eżenti
	ex 2204 10 99	91, 99			
	2204 21 10		Inbid ieħor tal-għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu 2 litri jew inqas		
	ex 2204 21 79	79 80			
	ex 2204 21 80	79 80			
	ex 2204 21 83 (2)	10 79 80			
	ex 2204 21 84 (3)	10 79 80			
	ex 2204 21 94	10 30 (4)			
	ex 2204 21 98	10 30 (4)			
	ex 2204 21 99	10			
09.1559	2204 29 10		Inbid ieħor tal-għeneb frisk, f'kontenituri li jesgħu [aktar minn] 2 litri	Mill-1.1 sal-31.12.2004: 273 000 + żieda ta' 59 666,66 mill-1.5 sal-31.12.2004 Għal kull sena minn hemm 'il quddiem, mill-1.1 sal-31.12: 354 500 (5)	Eżenti
	2204 29 65				
	ex 2204 29 75	10			
	2204 29 83				
	ex 2204 29 84	10 30 (4)			
	ex 2204 29 94	10 30 (4)			
	ex 2204 29 98	10 30 (4)			
	ex 2204 29 99	10			

(1) Mill-1 ta' Jannar 2006, dan il-volum tal-kwoti għandu jiżdied kull sena b'6 000 el.
(2) From 1 January 2005 the CN code ex 2204 21 83 will change to ex 2204 21 84 and the TARIC subdivisions 10, 79 and 80 will change to 59 and 70.
(3) From 1 January 2005 the CN code ex 2204 21 84 will change to ex 2204 21 85 and the TARIC subdivisions 10, 79 and 80 will change to 79 and 80.
(4) From 1 January 2005 the TARIC subdivisions 10 and 30 will change to 20.
(5) Mill-1 ta' Jannar 2006, dan il-volum tal-kwoti għandu jonqos kull sena b'6 000 el."